# Ir-Rabta ta' Mons Lawrenz Mifsud maż-Żejtun

## Kitba ta' Tony Mifsud



Milli niftakar li kien jgħidli ħija Dun Lawrenz, kif kien u għadu magħruf fiż-Żejtun sal-ġurnata tal-lum, kellu mħabba u rabta speċjali maa dan ir-raħal. Dawn l-esperjenzi ta' ħajtu ġoż-Żejtun, baqgħu dejjem marbutin ma' qalbu u ta' spiss kont noqgħod nisimgħu jirrakonthom b'attenzjoni kbira, avolja kont għadni tifel zgħir.



Dun Lawrenz twieled il-Birgu fil-15 ta' Settembru 1933 minn Lorenzu u Tereza mwielda Seychell. Meta kellu xi tmien snin, il-familja tiegħu kellha timxi għaż-Żejtun billi l-Birgu kien milqut sewwa fil-gwerra. Sabu kamra ċkejkna r-raħal t'isfel u avolja bi tbatija kbira, Lorry flimkien ma' ħuh Ġużi, ma damux ma' daħlu fil-ħajja tar-raħal. Iż-żewġ subien daħlu abbatini fil-parroċċa u miċ-ċokon kienet tidher fihom ix-xewqa tal-ħajja kkonsagrata. Mill-bidu daħlet f'qalbhom l-imħabba lejn Santa Katarina u l-parroċċa. Saru wkoll membri tas-Soċjetà tal-Mużew fejn kienu attivi ħafna. Huti t-tnejn, Lorry u Ġużi kienu jattendu l-iskola primarja taż-Żejtun fejn bla dubju għamlu ħafna ħbieb ġodda; l-edukazzjoni sekondarja mbagħad ħaduha fis-seminarju tal-Furjana.

Lorry kien iħobb jirrakkontali kif kienu jitilqu lejn ix-xelter hekk kif kienet iddoqq is-serena li tħabbar xi attakk mill-ajru. Waħda mill-iktar esperjenzi koroh tal-gwerra skont ħija, kienet l-istraġi li ħalliet il-bomba li splodiet fil-pjazza taż-Żejtun, meta kienu mietu ħafna nies fosthom tifla ċkejkna. Fix-xelter, Lorry kien imfittex min-nies miġbura biex jaqralhom l-aħbarijiet tal-gwerra u biex jgħidilhom ir-Rużarju.

Huti t-tnejn kienu saru dilettanti tar-ritratti; kulma kellhom kienet kamra antika boks; imma l-gost tagħhom kien li jmorru xi festa fil-qrib tar-raħal, jiġbu ritratti tal-istatwa titulari u jiżviluppawhom ġo karma fid-dlam. Kienu jsemmu ħafna lil Johnny Vella (tar-Ritratti) li tgħallmu ħafna minn għandu. Bosta kienu ħafna l-ħbieb ta' Lorry. Li kieku kelli nsemmiehom ma nispiċċa qatt. Niftakru jsemmi b'imħabba u b'rispett lill-mibki Arċipriet Manwel Brincat, li kien ta' għajnuna kbira għalih meta ra fih ix-xewqa li jsir saċerdot. Kienet ukoll is-Sinjorina oħtu, li meta ndunat fit-talent mużikali li kellu Lorry, offriet li tibda tagħtih bla ħlas il-lezzjonijiet tal-pjanu. Tant irsista u studja li meta qaddes, l-Arċipriet Mikiel Spiteri għażlu bħala organista tal-knisja parrokkjali. Dun Lawrenz kien ukoll waqqaf kor parrokkjali tal-irġiel.

Hija Dun Lawrenz dejjem kien jitkellem b'sens ta' ringrazzjament u ta' rikonoxxenza lejn in-nies taż-Żejtun. Huma kienu ta' support kbir għalih biex laħaq saċerdot - tawh għajnuna morali u anke finanzjarja. Għalhekk dejjem kien jemmen fil-Providenza t'Alla. Kien baqa' japprezza l-għajnuna li rċieva minn għand Mons Salv Grima u l-famija tiegħu, mill-Isqof Manwel Galea u mill-Arċipriet Mikiel Spiteri, li kien xtaqu jservi ta' qassis fil-parroċċa taż-Żejtun. Dun Lawrenz ġie ordnat saċerdot fl-14 ta'Marzu, 1959, iżda kontra



Prima Messa 29 ta' Marzu 1959. - Mix-xellug; Il-Viċi Dun Ġużepp Zerafa, Patri Ġużi Mifsud, Dun Lawrenz u Dun Karm Galea

qalbu u anke kontra qalbna, il-familjari tiegħu, kellu jerga' jmur joqgħod fejn twieled il-Birgu biex iservi f'dik il-parroċċa. Dan kien wieħed mill-akbar sagrifiċċji ta' ħajtu imma kellu jobdi l-ordni tal-Arċisqof Gonzi. Din kienet l-ubbidjenza. Għad li l-prima messa solenni ta' Dun Lawrenz saret fil-knisja konventwali ta' San Lawrenz, il-Birgu, huwa ħass ix-xewqa li jagħmel quddiesa solenni fil-Parroċċa ta' Santa Katarina, fejn kien trabba. Ħafna kienu l-qraba u l-ħbieb tiegħu f'dan ir-raħal li ġew jifirħu miegħu. Avolja kien jgħix il-Birgu, xorta l-Arċipiriet Spiteri baqa' jinsisti mal-Arċisqof Gonzi biex Dun Lawrenz jibda jservi ta' qassis ġoż-Żejtun u bħala organista wkoll. Niftakru jmexxi l-kor fin-novena tal-Milied, b'quddiesa b'komponiment tiegħu bi stil u melodija ferrieħa tal-Milied- liema quddiesa ġiet esegwita m'ilux ġo Betlem mill-organista Joseph Caruana. Kien ikkompona wkoll l-innu 'Warda Bajda, Warda Safja' u niftakru jmexxi l-kor tan-nisa mal-Banda Beland f'jum il-festa ta' Santa Katarina tal-25 ta' Novembru 1962. Dan għadni niftakru sal-lum.

Niftakar li flimkien ma' xi rġiel oħra, kien beda l-proġett taż-żebgħa tal-knisja parrokkjali - kien proġett diffiċli ħafna imma sab għajnuna kbira minn ħafna nies, speċjalment minn GannMari s-Sangristan.

Dun Lawrenz kien qassis dedikat għas-servizz tal-knisja. Iż-Żejtun kien jgħaddi ħafna ħin iqarar u jippriedka u mhux darba jew tnejn li bil-leħen sod li kellu, niseġ il-paniġierku tal-festa ta' Santa Katarina. Baqa' sal-aħħar iqaddes il-quddiesa ta' nofsinhar f'jum il-festa. Din kienet saret il-patrimonju tiegħu. Santa Katarina kienet vera daħlet f' qalbu sal-aħħar ta' ħajtu. Il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fiż-Żejtun ma kien jitlifa qatt u kien japprezza x-xogħol artistiku tal-vari tar-raħal.

Dun Lawrenz baqa' jservi fir-raħal taż-Żejtun sal-1963 u wara ntbagħat bħala Kappillan ta' Marsaxlokk. Wara laħaq Arċipriet fil-Birgu u fl-aħħar Arċipriet fis-Siġġiewi; imma parti minn qalbu baqgħet marbuta maż-Żejtun. Dun Lawrenz ħalla din id-dinja fl-20 ta' Gunju, 2017 u qed igawdi 'l Mulej u jitlob għalina lkoll u għal dawk iż-Żwieten kollha li għenuh biex laħaq saċerdot.

# Niringrazzjaw lil ...

## Charles J. Debono



Is-Soċjetà Mużikali Beland turi l-apprezzament tagħha lis-Sur Charles J. Debono li tul dawn l-aħħar 45 sena, minn meta bdiet tinħareġ din il-publikkazzjoni, dejjem kien minn ta' quddiem li ta l-kontribut tiegħu.

Nirringrazzjawh minn qalbna u nawgurawlu iktar snin ta' ħidma fi ħdan is-Soċjetà Beland.